MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 587/2003

**Bezzina Ship Repair Yard Limited**

**vs**

**Mediterranean Film Studios Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, tmien mija u dsatax-il Lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (LM3,819.65,0) bilanc fuq somma akbar rapprezentanti prezz ta' xogholijiet u servizzi illi kienu saru/inghataw mis-socjeta' attrici a beneficcju tas-socjeta' konvenuta fuq ordni taghha stess, kollox skond kif jidher mill-invoice u statements relattivi gia**

**fil-pussess tas-socjeta' konvenuta, u li qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok. A u B;**

**Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-prezenti kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni taghha;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-3 ta' Frar tas-sena 2004 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------